**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2017**

**Kawża Nru 2**

**Rikors Nru. 144/2015JRM**

**KNOWLEDGE INNOVATION CENTRE (MALTA) LTD** (C-9188)

vs

**MENON NETWORK EEIG** entita` legali reġistrata fil-Belġju

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-17 ta' Frar, 2015 li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; b) li l-Qorti tikkundanna lill-entita` mħarrka biex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' ħdax-il elf tmien mija u wieħed u erbgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€11,841.35) li tirrapreżenta servizzi mogħtijin minnha lill-imsemmija entita` mħarrka kif imfissra fil-fatturi mehmużin mal-istess Rikors Maħluf;

Talbet ukoll il-ħlas tal-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-entita` intimata skond ma jitlob ir-Regolament Komunitarju 1393/07KE li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta` attriċi;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-entita` intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta` attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-entita mħarrka tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' ħdax-il elf tmien mija u wieħed u erbgħin euro u ħamsa u tletin ċenteżmi (€11,841.35) għall-benefiċċju tal-entita` mħarrka, rappreżentanti valur ta' servizzi mogħtijin mill-istess attriċi flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mid-data ta' kull waħda mill-fatturi sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-entita` mħarrka **tħallas l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**6 ta' Ġunju, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**6 ta' Ġunju, 2017**